# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgha 2 ta’ Mejju 2001**

**Numru 3**

**Avviz. numru 457/98mm**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Frank Schembri f’ismu proprju u nrapprezentanza ta’ C&F Enterprises Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mis-socjeta’ attrici fl-10 ta’ Marzu, 1998 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut nomine li jhallas is-somma ta’ erba mija u tlieta u sebghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm473.55c) rappresentanti d-danni li huwa jew min minnhom kkagunaw lis-socjeta‘ attrici meta nhar is-16 ta’ Marzu,1994, huma laqtu ‘telephone cable’ proprjeta’ tal-attrici u dana waqt li huwa kien qed jesegwixxi xogholijiet

f'Ta' Monita Complex kantuniera ma' l-iskola tal-Gvern f'Wied il-Ghajn, u hekk kif ahjar spjegat mill-annessi dokumenti A sa D.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta' Gunju 1997 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut proprio et nomine fejn eccepixxa illi:

1. Preliminarjament illi l-azzjoni kkontemplata mis-socjeta' attrici hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153.

2. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom stante illi ghall-incident li fih is-socjeta' attrici allegatament sofriet danni, huwa ma kellu l-ebda htija.

3. Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi bl-eccezzjoni preliminari tieghu l-konvenut pogga ostakolu ghall-azzjoni attrici bil-perkors ta' sentejn ai termini ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili. L-azzjoni attrici hija bazata fuq id-dikjarazzjoni illi ghamel il-konvenut dakinhar ta' l-incident jew inkella ftit wara liema dikjarazzjoni l-konvenut iffirma "for C&F Enterprises". Din id-dikjarazzjoni saret quddiem PS 132.

Irrizulta mill-provi illi kienu qieghdin isiru xi xogholijiet mill-konvenut jew inkella mid-ditta minnu rappresentata fil-Qasam ta' Monita, M'Scala fejn gew milquta xi cables u danneggjati proprjeta' tas-socjeta' attrici.

L-incident gara fis-16 ta' Marzu,1994 u saret ittra ufficjali kontra Frank Schembri f'ismu proprju bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' C&F Enterprises Limited fil-5 ta' Frar 1996.

Irrizulta mill-provi illi l-konvenut kien irrizenja minn Direttur b'effett mis-17 ta' Novembru 1994 (fol 69). Sussegwentement l-ishma kollha li kellu f'din il-kumpanija gew trasferiti lil huh Charles. Skond id-dokument KG 2 a fol 70 l-ishma ta' din

il-kumpanija f'Settembru 1996, kienu f'idejn Charles Schembri u l-kumpanija FDB Limited. Skond dawn id-dokumenti u x-xhieda ta' l-Avukat Dr Kenneth Grima li kien qed jiehu hsieb l-interessi ta' Frank Schembri u l-kumpanija tieghu, meta giet intavolata din il-kawza fl-10 ta' Marzu,1998 Frank Schembri l-konvenut ma kellux ir-rappresentanza ta' C&F Enterprises Limited. Tibqa' l-kwistjoni ghalhekk jekk il-konvenut kellhux ikun responsabbli ghal dawn il-hsarat f'ismu proprju. Skond id-dokument a fol 3 tal-process, il-konvenut iffirma dik id-dikjarazzjoni ghan-nom ta' C&F Enterprises u mhux f'ismu personalment. Minn imkien ma jirrizulta mix-xhieda prodotta illi l-konvenut ammetta r-responsabbilta' jew kien personalment involut f'dan l-incident.

Skond ir-rapport ta' l-Ispettur a fol 5 tal-process, Frank Schembri ffirma dikjarazzjoni f'ismu u f'isem C&F Enterprises Limited illi kien sejjer jaghmel tajjeb ghal hsarat subiti mill-korporazzjoni, pero' mill-istess dokument li hemm anness ma' dan ir-rapport Frank Schembri iffirma biss ghan-nom ta' C&F Enterprises Limited u mhux f'ismu personalment. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi ghandha tilqa' din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut peress illi meta giet intavolata din il-kawza fl-10 ta' Marzu,1998 huwa ma kellux ir-rappresentanza

ta' C&F Enterprises Limited u lanqas b'xi mod ma kien involut personalment f'dan l-incident.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tilqa' din l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut, tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta bl-ispejjez kontra taghha.

Anthony Zammit
Dep Reg